## Komunikazzjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 dwar il-ħatra ta' membru sostitut tal-Korp ta' Konċiljazzjoni maħtur fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR

(2012/C 155/04)

Il-Kummissjoni ħatret lis-Sur Herman HOOYBERGHS bħala membru sostitut tal-Korp ta' Konċiljazzjoni.

---

## Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-awtorità li għandha s-setgħa toħroġ iċ-ċertifikati tal-oriġini fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 891/2009

(2012/C 155/05)

Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009, li ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* L 254 tas-26 ta' Settembru 2009, infetħet kwota tariffarja għall-importazzjoni taz-zokkor li joriġina minn Kuba.

L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 jistipula li r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti importati taht din il-kwota għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-oriġini.

L-awtorità li ġejja hija awtorizzata toħroġ iċ-ċertifikati tal-oriġini fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Camara de Comercio de la Republica de Cuba
Calle 21 nº 661, Vedado, la Habana (4)
PO Box 370
Ciudad Habana
CUBA

Tel. +537 8302643
Fax +537 8333042
Posta elettronika: jur_asesoria@camara.com.cu